**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 12 ta' Diċembru 2019

Rikors Numru: 43/2018 AL

**A B**

Vs

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ipprezentat fit-22 ta' Frar, 2018 li permezz tiegħu l-attur ippremetta:

1. Illi r-rikorrenti kellu relazzjoni mal-intimata u minn din ir-relazzjoni twieldet il-minuri E D fil-21 ta' Awwissu tas-sena elfejn u tnax (2012) (ċertifikat anness u mmarkat bħala Dok. A);

2. Illi fuq l-att tat-twelid tal-minuri E D, fil-kolonna tad-dettalji tal-missier hemm imnizzel missier mhux maghruf;
3. Illi l-partijiet kellhom tarbija oħra F B wara li kienet twieldet E D u dan wara l-insistenza tal-missier gie registrat bħala iben ir-rikorrenti (ċertifikat anness u mmarkat bħala Dok. B);
4. Illi l-missier naturali tal-minuri E D huwa r-rikorrent u dwar dan il-fatt m'hemm l-ebda dubnu tant illi wara interpellanzi mir-rikorrent lill-intimata (kopja tal-ittra annessa u mmarkata bħala Dok. C) sar test tad-DNA li kkonferma li r-rikorrenti huwa missier il-minuri E D (kopja annessa u mmarkata bħala Dok. D);
5. Illi r-rikorrent interpella lill-intimata diversi drabi anka permezz ta' ittra uffiċjali sabiex huwa jiġi rikonoxxut bħala missier it-tifla tal-partijiet izda ma sab l-ebda kooperazzjoni da parti tal-intimata (kopja annessa u mmarkata bħala Dok. E) li turi li ġiet nnotifikata biha fit-13 ta' Novembru 2017;
6. Illi jkun fl-interess tat-tifla in primis li fuq ic-ċertifikat tat-twelid tagħha, ir-rikorrent jiġi mnizzel bħala missierha u hekk l-istat ta' fatt jaqbel ma' dak legali;
7. Illi l-esponenti kien ilu jaghmel ħafna rapporti lill-Agenzija Appogg għax kien inkwetat li l-minuri kienu fil-periklu izda ma setgħux jagħtuh informazzjoni dwar E D billi ma kiex għadu rikonoxxut u ma kellux kuntatt mal-minuri F B stante li l-intimata ma kinitx tibgħatu għall-aċċess;
8. Illi fil-fatt l-esponenti beda bil-proċeduri quddiem il-Qorti izda waqt illi kien għadu għaddej it-terminu sabiex l-intimata tirrikonoxxi lir-rikorrenti bħala missier il-minuri inħareġ Ordni ta' Ħarsien favur iż-żewg minuri E u F B minħabba li l-intimata għandha problemi u vizzji tad-droga;
9. Illi l-attur appella minn din l-Ordni Għall-Ħarsien fi żmien stabbilit mil-Ligi izda madanakollu din l-ordni ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Maġistrati fil-31 ta' Jannar 2018 (Dok. F u Dok. G);
10. Illi l-attur huwa lest illi jieħu ħsieb il-bżonnijiet kollha taż-żewġ minuri stante li għandu l-għajnuna kollha mill-membri tal-familja tiegħu u saħansitra kien anke pprepara kamra tas-sodda għalihom fir-residenza tiegħu u tal-ġenituri tiegħu fiż-żmien qasir li kellu biex jikkontesta l-Ordni Għall-Ħarsien fuq dawn il-minuri;

11. Illi l-intimata għandha tfal oħra li fiċ-ċertifikat tat-twelid tagħhom huma nizzlin bħala missier mhux magħruf u minkejja dan qegħdin jittrabbew minn familjari tal-missier bijoloġiku u mhux mill-intimata għax kien inħareġ Ordni għall-Ħarsien fuq dawn il-minuri;

Talab li l-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex :

1. Tiddikjara li t-tifla bl-isem ta' E li twieldet mill-intimata fil-21 ta' Awwissu, 2012, hija bint ir-rikorrent A B;
2. Tordna li kunjom tal-minuri E D jinbidel ghal B minflok D;
3. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jeffetwa l-korrezzjonijiet kollha neċessarji u opportuni fl-Att tat-twelid tal-Imsemmija E D u jagħmel dawk l-annotamenti fl-istess Att tat-Twelid sabiex isem ir-rikorrent u l-konnotati tiegħu jidhru fuq l-Att imsemmijin taħt il-kolonni intestati: "Tagħrif dwar isem u kunjom missier it-tarbija", "eta", "fejn twieled", fejn joqgħodu" u "isem u kunjom il-missier u jekk hux ħaj jew mejjet" u l-kunjom tal-minuri ikun dak ta' B.
4. Tafda l-kura u l-kustodja taz-zewg minuri E D u F B f'idejn l-attur, taħt il-kundizzjonijiet li din l-Qorti jidhrilha xierqa fl-aħjar interess tal-minuri;
5. Tordna lill-intimata tħallas manteniment għall-minuri E D u F B skont kif tiġi ffissata mill-istess Qorti;

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċċjali tas-17 ta' Ottubru, 2017 u tat-testijiet ġenetiċi kontra l-intimata nġunta minn issa stess għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat illi l-konvenuta debitament notifikata ma preżentatx risposta ġuramentata fiż-żmien li trid il-liġi u għalhekk hija kontumaċi f'din il-kawża;

Semgħet ix-xhieda li tressqu, id-dokumenti li ġew esebiti, il-provi li ġew prodotti u l-atti ta' dan il-proċediment;

Rat illi din il-kawża tħalliet għas-sentenza għallum.

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

L-attur qed jitlob illi huwa jiġi magħruf bħala l-missier naturali tal-minuri E D li twieldet fil-21 ta' Awissu 2012.[1] Sal-lum, din hija dikjarata bħala bint missier mhux magħruf u ġġorr il-kunjom tal-omm, ossia D. L-attur talab ukoll tramite r-raba' u l-ħames talba, l-kura u kustodja tal-minuri E u F u u talab ukoll li l-intimata tiġi ordnata tħallas għall-manteniment tal-minuri E u F.

Fil-każ, in eżami, jirriżulta li l-intimata C D hija kontumaċi u għandu jingħad li l-kontumaċja hija fiha innifisha mhijiex ammissjoni iżda għandha tiġi interpretata bħala oppożizzjoni hekk kif ritenut fil-ġurisprudenza.

"Hu paċifiku li l-kontumaċja ma hijiex ammissjoni." (Charles Saliba vs Salvu Borg – deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Ġunju 1997, u skont dejjem kif ġie referut minn dawn il-Qrati, l-kontumaċja għandha tiġi interpretata wkoll bħala oppożizzjoni u l-Qorti għalhekk tidħol f'ċerti dettalji li tħoss illi huma meħtieġa biex tistabilixxi l-verita tal-fatti."[2]

Għalhekk, dejjem jinkombi fuq l-attur li jipprova li t-talbiet tiegħu huma ġustifikati fil-fatt u fid-dritt.

**Provi:**

[1] Certifikat tat-twelid relattiv, fol 5.

[2] Ruth Apap vs Noel Apap deciza mill-Prim' Awla fit-30 ta' Gunju 1995, u Emanuel Spiteri et vs Bernadette Meilak noe, Prim' Awla deċiża fil-15 ta' Jannar 2014; Raymond Gauci pro et noe vs Christopher Galea, Prim' Awla deċiża fis-26 ta' April 2001; Ronald Miclalef et vs Subway Malta Limited, Prim' Awla deċiża fis-6 ta' Marzu 2001.

L-attur xehed permezz ta' affidavit fejn qal li meta kellu wieħed u għoxrin sena beda joħroġ mal-intimata sakemm inqabdet tqila. Hi qaltlu li t-tarbija ma kinitx tiegħu u ma baqgħux jiltaqgħu. Xi sentejn wara reggħet ikkuntatjatu u reġgħu bdew ir-relazzjoni ta' bejniethom, fejn imbagħad l-attur sar jaf li l-intimata kellha l-vizzju tad-droga. Hu beda jipprova igħinha biex toħroġ mill-vizzju tad-droga u hi kellha l-problemi mal-ġenituri tagħha għaliex kienet serqithom. Effettivament l-attur kellu anke jeħodha toqgħod għand il-ġenituri tiegħu wara li twieldet it-tifla tagħhom, E. Sussegwentement, marru igħixu għal rashom, hu kien iħallas il-kera u Alexia reġghet ħarġet tqila u twieled it-tifel F. L-attur kompla jixhed li kienu ġew ikkuntatjati tal-Aġenzija Appoġġ għax Alexia ma riditx lit-tifel. Spjega wkoll li dak iż-żmien hu kellu kawża pendenti li kienet ġiet deċiża u kien weħel sena u nofs ħabs u meta kien ħareġ mill-ħabs mar biex jara lil uliedu iżda Alexia ma bdietx tħallih jarahom. Sussegwentement, saru t-testijiet ġenetiċi. Żied igħid li fl-20 ta' Diċembru 2017, ċemplulu mill-Aġenzija Appoġġ sabiex imur l-għassa fejn ġie infurmat li ħarġet ordni temporanja għall-ħarsien taż-żewġ minuri, u din l-ordni ta' ħarsien reġgħet kienet ġiet ikkonfermata. Hu ammetta li vera żbalja sforz l-immaturita` tiegħu, iżda llum lest li jrabbi lil uliedu li jinsabu taht 'care order' u qed jinżammu ġo 'home'.

Referibbilment għat-talba tal-attur biex jiġi rikonoxxut bħala missier il-minuri E, l-aqwa prova f'kawżi bħal dawn huma t-testijiet xjentifiċi u ġenetiċi, li fil-każ odjern ikkonfermaw li l-attur huwa l-missier bijoloġiku tal-minuri E. Fil-fatt l-esperta tad-DNA, Dr. Marisa Cassar ikkonfermat illi "The CPI obtained in this case (which is above 100) supports that A B is not excluded from being the biological father of E D. In this case the probability of paternity is 99.9999%". It-test xjentifiku, hekk kif ikkonfermat bil-ġurament, kif jirriżulta a fol 48 et seq tal-proċess, jelimina kull dubju dwar l-istess paternita`. L-attur fl-affidavit tiegħu a fol 55 tal-proċess, ikkonferma li kemm hu u l-intimata kienu qablu li jmorru għand Dr. Marisa Cassar għat-testijiet ġenetici biex jiġi stabbilit li hu l-missier bijoloġiku ta' E u ta' F (il-wild l-ieħor tal-partijiet). Għaldaqstant, il-provi miġjuba quddiem il-Qorti juru bl-aktar mod ċar u inekwivoku li E hija l-wild naturali tal-attur. Għalhekk il-Qorti tara li m'hemm l-ebda raġuni għalfejn m'għandhiex tilqa' l-ewwel talba tal-attur.

<u>DWAR IL-KUNJOM TAL-MINURI</u>

Il-minuri E illum għandha seba' snin. Illi stante li l-intimata hija kontumaċi, ma jirriżulta li hemm ebda oġġezzjoni sabiex il-minuri tieħu l-

kunjom tal-missier. L-attur qed jikkontendi li l-wild l-ieħor li twieldet mir-relazzjoni tal-partijiet, F, ha il-kunjom B.

Illi din il-Qorti, għal dak li jirrigwarda l-kunjom li ser tassumi l-minuri, tara biss l-aħjar interess tal-minuri. Il-jeddijiet u x-xewqat tal-ġenituri huma irrelevanti meta mqabblin mal-interessi tal-ulied. Illi llum il-minuri E għandha diġa seba' snin u diġa hija magħrufa bil-kunjom D. Għalhekk, ikun opportun f'dan il-każ li hija tkun magħrufa bil-kunjom taż-żewġ ġenituri "B D" sabiex ma jkunx hemm bidla daqshekk drastika fil-kunjom, u b'hekk li kunjomha jkun jirrifletti ż-żewġ kunjomijiet tal-ġenituri tagħha.

<u>KAP TAL-ISPEJJEŻ</u>

Illi jirriżulta li qabel ma ntavola dawn il-proċeduri, l-attur kien bagħat ittra legali esebita bħala Dok C mar-rikors promotur, fejn informa lill-konvenuta bl-intenzjoni tiegħu li jirrikonoxxi lil bintu. Ma jidhirx li ntbaghtet ukoll ittra ufficjali f'dan ir-rigward. Ma jidhirx li l-intimata wieġbet għall-ittra legali mibgħuta, Dok C, tant li l-attur ipproċeda bil-każ odjern, madanakollu peress li ma ntbagħtitx ittra uffiċjali, l-ispejjeż tal-proċeduri odjerni għandhom jiġu ssoportati ugwalment bejn il-partijiet.

<u>IR-RABA` U L-HAMES TALBIET TAL-ATTUR</u>:

Jiġi osservat, li in segwitu għall-ewwel tlett talbiet, l-attur talab biex jiġi fdat bil-kura u kustodja taż-żewġ minuri E u F u sabiex l-intimata tiġi ordnata tħallas il-manteniment għaż-żewġ minuri.

Illi dawn it-talbiet ma jistgħux jsiru f'kawża ta' paternita', għalhekk il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' dawn it-talbiet.

DEĊIDE

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u konsegwentement tiddikjara li l-minuri E imwielda fil-21 ta' Awissu 2012 hija bint l-attur A B, detentur tal-karta tal-identita 444587M.

2. Rigward it-tieni talba, għar-raġunijiet suesposti, tordna li kunjom il-minuri E jkun "B D".

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex fl-att tat-twelid tal-minuri E Att numru tlett elef, disa' mija u ħamsa u ħamsin tas-sena elfejn u tnax, 3955 tas-sena 2012 (3955/2012, jiġu kkanċellati il-kliem 'unkown father'  u minflok jitniżżel l-isem, il-kunjom u l-konnotati kollha ta' A B detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru XXXXX, li meta twieldet il-minuri kellu 26 sena, imwieled il-Pieta` u residenti l-Fgura u huwa iben G B li kien ħaj fil-mument tat-twelid tal-minuri u għadu ħaj sal-lum.

Għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-raba' u l-ħames talbiet tal-attur.

L-ispejjeż jitħallsu mir-rikorrent u l-intimata b'mod ugwali bejniethom.